**Mużew tal-Istorja Naturali, l-Imdina**

poġġejt idi fuq
il-qafas ta’ sidrek
u ħassejt qalbek
tibbalzma
ma’ kull tajra
maħsuda f’poża
li rajna bejn
ħġieġ kiesaħ —

rajn’arpa fuq zokk
li ilu s-snin ma
jduq ix-xita

u garnija ttir ittir
taħt xmux artifiċjali
f’sema simulakru ...

is-silenzju tiegħi qrajtu
għax kien kompliċi
ma’ tagħhom —

ma stajtx inwiegħdek
li xi darba għad
tar’hom imħabbla
fil-friegħi tal-għargħar

u ma sibtx
il-kuraġġ ngħidlek
dak li kont taf diġà —

dawn mhumiex għasafar Maltin